MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Numru. 284/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Emanuel Muscat**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Emanuel Muscat ta' 22 sena, iben Piju u Stella nee Muscat, imwieled fil-Pieta' fl-1 ta' Settembru, 1978 u joqgħod 'Margaret', Triq Dun Ġużeppi Micallef, Imġarr u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 492178(M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-21 ta' Ġunju 2001 u t-tliet xhur ta' qabel, fl-Imġarr u bnadi oħra f'Malta, f'ħinijiet differenti

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta’ Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Stti Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokur l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-egoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (Gn 292/19390 kif sussegwsentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jippova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta **liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

ċ) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’

awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jippova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) ukoll talli matul is-sena 1998 kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

e) ukoll talli matul is-sena 1998 kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħdua mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali (fol 3 u 4), l-istqarrija tal-imputat a fol 5, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 4921 tal-1978, il-fedina penali tal-imputat, u d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 (fol 11 u fol 26).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Mix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud jirriżulta li kienu nstabu fuq l-imputat xi biċċiet tal-karti maqtugħin f'forma ta' kaxxi. Fi tfittxija li saret fil-kamra tal-għodda, kienet instabet sikkina b'manku iswed, biċċa aluminium foil maħruqa minn taħt kif ukoll biċċiet tal-karti oħrajn maqtugħin kaxxi, kaxxi.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li kien ilu bil-vizzju tad-droga 'smack' għal dawn l-aħħar sitt xhur (ta' qabel l-istqarrija). Huwa kien jieħu l-ismack u kien ħa l-jum ta' qabel.

L-aħħar li kien ħa ecstasy kien tliet snin ilu.

L-imputat qatt ma kien biegħ droga.

Ġieli ħa lil sħabu biex jixtru l-ismack. Ġieli ġab ix pakkett jew tnejn iżda hu ma kienx jagħmel qliegħ. (fol 5). Sħabu ġieli kienu jħallsuh qabel jew inkella wara li jiltaqa' magħhom. **Hu qal li kien jagħmel hekk xi xahar jew xahar u nofs qabel ma saret l-istqarrija.**

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett, il-parametri taż-żmien kienu:

(a) fil-21 ta' Ġunju 2001 u fit-tliet xhur ta' qabel;
(b) matul is-sena 1998.

It-tieni parametru jgħodd għall-pussess ta' ħaxixa u għall-pussess ta' ecstasy (imputazzjonijiet (d) u (e)).

Iċ-ċitazzjoni kienet ippreżentata fil-Qorti fl-4 ta' Mejju 2004 u għalhekk kienu għaddew aktar minn ħames snin minn meta twettqu dawn ir-reati. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 694 u l-artikolu 688(d) tal-Kap 9, qed tiddikjara li l-imputazzjonijiet (d) u (e) huma preskritti skond il-liġi.

Dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet, dawn huma kollha ibbażati fuq l-istqarrija tal-imputat.

L-imputat ħaseb li jekk iġib id-droga għal sħabu bla ebda ħsieb ta' qligħ allura ma jkunx qed jikser il-Liġi. Iżda skond il-Liġi (l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101) l-imputat kien qed jissupplixxi d-droga **fix-xahar u nofs qabel ma saret l-istqarrija**. Barra minn hekk meta kien jieħu lil sħabu għand min kien ifornieh, kien qed jagħti informazzjoni minn fejn kienet tista' tinġieb id-droga u dan ukoll huwa projbit mill-aritkolu 22(1B) tal-Kap 101.

Għalhekk huwa kien qed iforni d-droga eroina lil sħabu, kellu pussess tal-eroina f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu u kellu pussess (sempliċi) tad-droga eroina.

Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel tliet imputazzjonijiet.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap 101, ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-**

**Kap 31, qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet b'dan pero' li t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mir-raba' u l-ħames imputazzjoni.**

**Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat għandu fedina penali nadifa kif ukoll li huwa għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101. Għalhekk qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' tliet xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €234.**

**Li kieku l-imputat kien aktar regolari fl-attendenza fil-Qorti, kieku s-sentenza kienet tingħata qabel.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------